**Lejla fuq il-baħar**

Kienet lejla wisq sabiħa
Illum ngħid rigal tal-Mulej,
Meta mort inbierek biċċa
Tal-baħar, rigal għalli ġej.

Kif tlajt fuqha hekk ħassejtni
Daqshekk komdu, qisni bħad-dar,
Fid-dalma ta' dik il-lejla
Ħassejt qalbi tħeġġeġ bħan-nar.

Lejn id-don sabiħ tal-ħajja
Rigal kbir minn Alla ħanin,
Li hu mġennen fuq uliedu
Jismagħhom f'kull waqt u f'kull ħin.

Waqt li l-biċċa bdiet tiċċaqlaq
Ħassejt f'qalbi bil-bosta s-sliem,
Hemm intbaħt li s-sebħ t'Alla
Bħalu fuq l-art le m'hawn imkien.

Ibtbaħt ukoll bl-ogħla kobor
L'hawn madwarna aħna l-bnedmin,
Ħassejtni tifel hekk ċkejken
Li qiegħed f'għaqda maċ-ċkejknin.

O kemm fraħt f'dik l-isbaħ lejla
Ħassejtni iben is-Sultan,
Li għax setgħani ma ddejjaqx
Isir bħali, bħalek, uman.

Fih ftakart, kemm baħħar f'dgħajjes
Biex seħħlu jkun dawl tal-gnus,
Ma staħax jiġri warajna
Magħna nsista u baqa' jsus.

Biex fih ilkoll nibdew nemmnu
Riedna nafdaw fih sal-aħħar,
Ġesù, baħħar tal-baħħara
Inti l-lejla fuq il-baħar.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Gunju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.